MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 342/2007

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta’ Blye Engineering Co. Ltd. datat 26 ta’ Marzu 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-esponenti s-somma ta’ tmienja u tletin elf seba’ mija erbgha u sittin lira Maltin u tlett centezmi (Lm38,764.03 = €90,295.90) bhala bilianc minn somma akbar minnha dovuta ta’ xoghlijiet varji esegwiti fuq inkarigu taghha materjal u oggetti mibjugha u forniti lilha, kollox kif jirrizulta ahjar mill-i*statement of account* (Dok.”A”) u l-fatturi (Dok. “B” sa “L”) hawn esebita;

Illi, ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-esponenti s-somma fuq riferita ta' tmienja u tletin elf seba' mija erbgha u sittin lira Maltin u tliet centezmi (Lm38,764.03 = €90,295.90) dovuti kif fuq spjegat.

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "L" kif jidher a fol. 2 a fol. 14 tal-process;

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 3 ta' Awissu 2007 a fol. 28 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez illi [a] l-esekuzzjoni tal-appalt relattiv mhuwiex tal-kwalita` miftehma bejn il-partijiet, [b] il-kontijiet mahruga mis-socjeta` rikorrenti ma jirriflettux il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, u [c] is-socjeta` esponenti mhux talli ma ghandhiex taghti ebda centezmu lis-socjeta` rikorrenti talli hija hi li hija kreditur taghha u dan minhabba d-danni ingenti li gew lilha kawzati minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, *non-curanza* u nuqqas ta' hila fl-esekuzzju tal-obbligazzjonijiet u l-indempjenza tas-socjeta` rikorrenti, fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilha fdat u dan skond ma sejjer jirrizulta waqt il-gbir tal-provi u mill-atti tal-kontro-talba li qeghdin jigu pprezentati kontestwalment mal-prezenti.

2. Salv kontestazzjoni ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn qed tipprevalixxi ruhha minn dawn il-proceduri u permezz tal-prezenti esponiet:-

Illi s-socjeta` esponenti nkarigat lis-socjeta` rikorrenti/rikonvenzjonata sabiex tinstalla sistema ta' arja

kondizzjonata fil-lukanda taghha, liema nkarigu s-socjeta` rikorrenti accettat u bdiet tesegwixxi u suppost li ilha li esegwiet.

Illi s-socjeta` esponenti tat *mano libera* lis-socjeta` rikonvenzjonata sabiex taghmel dak kollu li kien hemm bzonn sabiex l-imsemmija sistema ta' arja kondizzjonata tigi nstallata bl-ahjar mod possibbli fl-imsemmija lukanda.

Illi fl-esekuzzjoni tal-imsemmi appalt is-socjeta` esponenti ma ndahlet xejn f'dak li kien qed jigi esegwit mis-socjeta` rikonvenzjonata u halliet f' idejha sabiex taghmel dak kollu li kien hemm bzonn sabiex jintlahaq il-ghan imsemmi.

Illi rrizulta li l-materjal uzat fl-esekuzzjoni tal-appalt moghti u x-xoghol li gie esegwit mis-socjeta` rikonvenzjonata kien skadenti u mhux ta' kwalita` tajba u wisq anqas ma kien dak miftiehem bejn il-partijiet.

Illi *inoltre* s-socjeta` rikorrenti sahansitra talbet certi hlasijiet minghand is-socjeta` esponenti li ma kellhiex dritt ghalihom, *stante* li kienu ghola minn dak li kien miftiehem.

Illi b'rizultat tad-difetti li nqalghu fis-sistema tal-arja kondizzjonata nstallata mis-socjeta` rikorrenti, inqala' wkoll inkwiet serju mal-klijentela li kienu jigu akkomodati fil-lukanda tas-socjeta` esponenti, kif ukoll mat-*tour operators*, li maghhom is-socjeta` esponenti kellha kuntratti ghall-akkomodazzjoni taghhom, rizultanti f' telf ta' qliegh ghas-socjeta` esponenti.

Illi b'rizultat tax-xoghlijiet hziena esegwiti mis-socjeta` rikorrenti, l-esponenti sofriet danni anke fil-proprjeta` taghha, u dan kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-gbir tal-provi.

Illi b'dan kollu gie mgharraf id-direttur manigerjali tas-socjeta` rikorrenti, diversi drabi u anke b' ittri registrati, u illi *nonostante* s-serjeta` u gravita` tas-sitwazzjoni, is-socjeta` rikorrenti ghazlet li ma taghmel xejn u ghalhekk rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni u sabiex jigu minimizzati d-danni ulterjuri, is-socjeta` esponenti ma kellhiex triq ohra

ghajr li tissostitwixxi s-sistema tal-arja kondizzjonata u dan wara pariri minghand persuni kwalifikati.

Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet mankanti fl-esekuzzjoni tal-appalt lilha moghti u minhabba t-traskuragni, imperizja, negligenza, *non-curanza* u nuqqas ta' hila fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilha fdat mis-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` esponenti sofriet danni, li ghaliha hija responsabbli s-socjeta` rikonvenzjonata.

Tghid ghalhekk is-socjeta` rikonvenzjonata ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:-

1. Tiddikjara li x-xoghol esegwit mis-socjeta` rikorrenti ma kienx tal-kwalita` pattwita bejn il-partijiet u *inoltre* illi kien difettuz.

2. Tiddikjara lis-socjeta` rikorrenti responsabbli ghad-danni kollha subiti mis-socjeta` esponenti u dan kemm minhabba inadempjenza kontrattwali kif ukoll minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, *non-curanza* u nuqqas ta' hila fl-esekuzzjoni tal-appalt lilha fdat.

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` esponenti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna thallas lis-socjeta` esponenti dawk id-danni li jigu hekk likwidati minn din il-Qorti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta ghall-kontro-talba a fol. 31 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tas-12 ta' Marzu 2008.

Rat ir-rikors datat 10 ta' Jannar 2008 (fol. 52) fejn is-socjeta' attrici rikonvenzjonata talbet li tigi awtorizzata tipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba u dan peress li ssostni li ma ndunatx li kien hemm kontro-talba anke peress li l-istess kontro-talba lanqas kellha twissija rikjesta mill-ligi *ad validitatem* skond l-**artikolu 156 (1) (d) tal-Kap 12** *"stampata b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti"* mahsuba sabiex javzaw lil minn jircievi l-att bil-htiega li ssir risposta mahlufa fi zmien ghoxrin jum min-notifika.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta datata 11 ta' Frar 2008 (fol. 54) fejn opponiet ghat-talba tas-socjeta' attrici ghaliex sostniet li mill-atti kien jirrizulta li minhabba li thallas l-ammont ta' €1,523.41 (Lm654) bhala spejjez tar-registru li din ma kienitx semplici kontestazzjoni; peress li fir-risposta ghamlitha cara li hija kienet qed tipprevalixxi ruhha mill-istess procedura sabiex taghmel kontro-talba; li l-artikolu 156 (1) (d) tal-Kap 12 jirreferixxi biss ghall-attur u mhux ghall-konvenut; li s-socjeta' konvenuta aderixxiet ruhha mad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 398 (2)** dwar il-kontro-talba fis-sens li din ghandha kemm jista' jkun ssegwi l-att procedurali li bih il-proceduri kienu l-ewwel inbnew, u dan sar ghaliex kemm ghaliex jghid li hemm kontro-talba u kif ukoll ghaliex hemm talbiet u ghalhekk is-socjeta' attrici setghet facilment tikkonstata li hemm kontro-talba u ndunat biss wara sitt xhur wara li kienu gja nzammu tliet seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja li fihom la l-avukat u lanqas is-socjeta' attrici ma dehru u b'hekk deher li kien hemm traskuragini *da parte* tas-socjeta' attrici u ghalhekk l-istess socjeta' attrici ma ghandhiex tithallha tipprezenta tali risposta guramentata.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datata 20 ta' Frar u r-risposta tas-socjeta` attrici datata 6 ta' Marzu 2008 fejn il-Qorti bid-digriet taghha tal-11 ta' Marzu 2008 laqghet it-talba u nnominat bhala Perit Tekniku lil David Abela a spejjez provizorjament tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-12 ta' Marzu 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-

punt dwar jekk is-socjeta` konvenuta ghandhiex tipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba tas-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghall-provediment fuq dan il-punt ghas-26 ta' Gunju 2008.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi taghhom.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din id-decizjoni hija limitata biss dwar it-talba tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata fir-rikors datat 10 ta' Jannar 2008 sabiex jigi awtorizzat jipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba ghaliex issostni li ma saritx risposta ghaliex is-socjeta' attrici ma ndunatx li kien hemm kontro-talba u ma kienitx taf li kellha tirrispondi ghall-istess peress li ma' kienx hemm avviz necessarju skond l-artikolu 156 (1) (d) stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti li min jircievi l-istess kontro-talba kellu jaghmel risposta fi zmien ghoxrin gurnata min-notifika.

Illi effettivament mhux kontestat li ghalkemm fl-istess kontro-talba hemm il-kliem li *"s-socjeta' esponenti qed tipprevalixxi ruhha minn dawn il-proceduri u permezz tal-prezenti qed tintavola din il-kontro-talba"* tali avviz indikat fl-**artikolu 156 (1) (d)** ma jirrizultax li kien hemm.

Illi s-socjeta' konvenuta tirrispondi ghal dan billi tghid li l-istess socjeta' attrici setghet indunat bil-kontro-talba kemm ghaliex qed jinghad fl-istess att li qed tigi pprezentata kontro-talba, kif ukoll ghaliex l-ammont ta' spejjez ta' registru mhallsa huma sostanzjali u kien jidher car mill-istess li l-att ma kienx sempliciment qed jirrispingi t-talbiet attrici, izda kien qed jaghmel talbiet tieghu, u wkoll li l-**artikolu 398 (2)** jipprovdi li kemm jista' jkun l-istess

kontro-talba ghandha tkun bhal l-att li bih jinbdew il-proceduri izda mhux bl-ezatt. Dan apparti allegazzjonijiet ohra li jippruvaw jaghtu l-impressjoni li s-socjeta' attrici kienet ukoll traskurata ghaliex ma attendietx ghas-seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, u kien biss wara diversi xhur li l-istess socjeta' attrici qajmet dan il-punt sabiex tiddefendi l-kontro-talba.

Illi din il-Qorti wara li rat l-artikoli fuq citati, thoss li bl-applikazzjoni tal-**artikolu 398 (2) tal-Kap 12,** li jipprovdi li l-konvenut kemm jista' jkun ghandu jhares ir-regoli stabbiliti f'dan il-kodici jew b'xi ligi ohra ghall-att procedurali li bih procedimenti kien l-ewwel jinbdew, l-istess kontro-talba kellu jkollha, bhal ma ghandhu jkollu r-rikors guramentat, skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 156 (1) (d)** "*stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:*

*"Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cjoe' minn meta jirciviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skond il-ligi.*

*"Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza".*

Illi din il-Qorti thoss li dan huwa necessarju *ad validitatem* ghar-rikors guramentat u wkoll b'applikazzjoni tal-**artikolu 398 (2) tal-Kap 12** ukoll ghall-kontro-talba u dan peress li llum kawza tinbeda b'semplici rikors guramentat u huwa dak l-avviz fl-istess rikors li jinforma lill-parti l-ohra bil-mod kif ghandha tiddefendi l-kawza, u l-istess ghandu japplika ghall-kontro-talba, li fil-fatt ma hija xejn hlief azzjoni maghmula mill-konvenut fl-istess procedura u kawza mibnija mill-attur.

Illi ghalhekk abbazi ta' dak hawn deciz din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u dan ghaliex dak hemm indikat bl-ebda mod ma jista'

jikkompensa ghan-nuqqas li hemm fil-kontro-talba li tavza lil min qed jircievi li ghandu 20 gurnata sabiex jirrispondi ghall-istess u ghandu jkellem avukat bla dewmien.

Illi fil-fatt mill-komportament tas-socjeta' attrici f'din il-kawza jidher car li kif effettivament indunat li hemm kontro-talba hija mill-ewwel agixxiet sabiex tfittex li tkun tista' tirrispondi ghall-istess, tant li dan sehh meta l-avukat taghha nduna waqt seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja li effettivament kien hemm kontro-talba, u il-mod kif l-azzjoni attrici u r-risposta tas-socjeta' konvenuta huma konnessi fis-sens li t-talba tal-hlas tas-socjeta' attrici hija kontrastata bl-eccezzjoni li x-xoghol ma sarx skond kif pattwiet, b'dan li konsegwentement l-istess socjeta' konvenuta qed tinsisti li ma ghandhiex thallas lis-socjeta' attrici, izda addirittura li ghandha hija tiehu d-danni minghand l-istess, tindika wkoll li s-socjeta' attrici ma rrisponditx ghall-kontro-talba biss ghaliex ma kienitx taf li kellha taghmel dan, ghaliex ma kienx hemm xejn fil-kontro-talba li jindika dan, u mhux ghaliex b'xi mod ma rieditx tikkontesta l-allegazzjonijiet u dak li wara skopriet li kienu talbiet tas-socjeta' konvenuta.

Illi ma dan jinghad li s-socjeta' attrici kienet qed issegwi il-kawza u dan ghalkemm jidher li d-difensur taghha kien ghal xi zmien indispost tant li jirrizulta li huwa pprezenta rikors fit-2 ta' Lulju 2007 sabiex jigi estiz it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits u fit-3 ta' Awissu 2007 fil-fatt l-istess socjeta' attrici pprezentat l-istess affidavits u ftit wara biss jidher li s-socjeta' attrici fid-9 ta' Awissu 2007 giet notifikata bil-posta bl-istess risposta u kontro-talba u jidher li din ma rrisponditx ghaliha biss ghaliex ma' kienitx taf li kellha taghmel dan ghaliex ma kien hemm ebda avviz mehtieg *ad validitatem* kif indikat.

Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata fir-rikors taghha datat 10 ta' Jannar 2008 u tipprefiggi lis-socjeta' attrici terminu ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni sabiex tipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' konvenuta datata 11 ta' Frar 2008, **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fir-rikors taghha datat 10 ta' Jannar 2008,** u tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex tipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta b'dan ghalhekk li tipprefiggi lill-istess socjeta' attrici terminu ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni sabiex tipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu riservati ghad-decizjoni finali f'dan il-kaz.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------